SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 41/K8/17**

Data tal-laqgħa: 11 ta' Jannar 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Segretarja

Preżenza tal-pubbliku – (3)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

41.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

41.1.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li tinżamm minuta silenzju minħabba li miet missier l-eks Viċi Sindku Joseph Cuschieri.

41.1.03 Saret sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi korrispondenza numru. 66/2018 u korrispondenza numru. 8005/17.

**41.1.04 Email mingħand l-Exalco Group dwar is-sqaq li hemm ħdejn GIG Building fi Sqaq li minn Triq San Ġorġ jagħti għal Triq Dragunara. (Inc. 66/18)**

41.1.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Exalco Group dwar is-sqaq li hemm ħdejn GIG Building. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li min-naħa tal-Kunsill ser tiġi rilaxxata l-*bank garuantee* li għandhom il-MEPA. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li titwaħħal tabella għan-*no obstruction* fejn il-GIG Building fi sqaq bla isem.

41.1.05 **Ittra mingħand Dr. John Vassallo dwar il-village core (Inc. 8005/17).**

41.1.05.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand Dr. John Vassallo dwar il-village core. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa apposta fuq din il-materja sabiex tinfetaħ għad-diskussjoni.

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

41.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 40/K8/17 għall-approvazzjoni.

41.2.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 40/K8/17 bil-korrezzjoni li saret.

41.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni tal-Minuti 40/K8/17 bil-korrezjoni li saret.

41.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

41.2.05 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt jekk kienx hemm xi żvillupi dwar il-*ground* tal-futbol f'Ta' Ġiorni. Is-Segretarju nfurmah li ntbagħtu diversi *reminders* fuq din il-materja u li kienet ser issir laqgħa iżda din tħassret.

41.2.06 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar jekk saritx il-laqgħa dwar San Patrizju, u ġie nfurmat li din il-laqgħa ġiet posposta għal nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2018 fl-4.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Għaldaqstant ġie deċiż li għandha ssir ittra biex jiġu nfurmati l-ħwienet tal-madwar ta' fejn issir l-attivita' ta' San Patrizju.

**41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

41.3.01 Iċ-Ċermen ippreżenta r-rapport dwar il-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, fejn ippropona li jingħata l-*full performance bonus*. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u dan ġie approvat kif ukoll ġie approvat il-bilanċ tal-leave li ma ttieħedx mis-Segretarju Eżekuttiv biex jgħaddi għas-sena 2018.

41.3.02 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill fir-rigward it-tabelli tal-*advertising bollards* li hawn fil-lokalita' fejn hemm ammonti pendenti li dawn għandhom ma tħallsux min-naħa tal-Media Trendz. Għaldaqstant ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra uffiċċjali lill-Media Trendz sabiex jingħata ġimgħa ċans sabiex jissetilja l-pagamenti pendent li għandu u li f'każ li dan ma jiġiex jħallas, il-Kunsill ser ikun qiegħed jieħu passi oħra u dawn ser jibdew jinqalgħu għas-spejjez tiegħu.

41.3.03 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ser jerġa jsir ir-*renewal* tal-polza ta' l-assigurta tal-impjegati u l-Kunsilliera, fejn din għandha tkun applikabbli għal kulħadd. Għaldaqstant għandu jiġu nxurjati il-membri kollha tal-Kunsill u l-istaff.

41.3.04 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ntefaħ it-tender tal-karnival, fejn mis-sistema l-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda biss. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill ukoll li min-naħa tal-Leon Promotions irċieva l-applikazzjoni barra s-sistema fejn din ma tistax tiġi aċċetata. Filwaqt li min applika permezz tas-sistema, din kienet għalja ħafna. Għaldaqstant ġie deċiż li din tiġi organizzata attivita' ġewwa l-iskola. Din l-attivita' ser tiġi

koordinata mis-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Clayton Luke Mula.

41.3.05 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien hemm talba mingħand is-Sur Raymond Attard li kien kuntrattur tal-Kunsill għat-tindif tat-toroq fejn dan qed isostni li hemm xi kontijiet pendenti mal-Wasteserv li jammontaw għall- €3,460.24 tat-tipping fees. Is-Sur Attard qiegħed jsostni li dawn kienu t-tipping fees konnessi ma' skart li kien imġiegħel jiġbor waqt il-qagħdi ta' dmirijietu. Dawn il-kontijiet huma ta' bejn Novembru 2012 sa Awwissu 2013. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nitolbu parir mingħand id-Direttur tal-Kunsill Lokali.

**41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

41.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana nforma lill-Kunsill li hemm is-*solar panels* ta' madwar iż-żebra crossings maqlugħin. Huwa ġie nfurmat li dawn insterqu ta' ħdejn il-Merħba Pharmacy.

41.4.02 Iċ-Ċermen issuġerixxa lill-Kunsill li *ż-żebra crossings* li saru ġodda ta' ħdejn il-*construction site* ġewwa Triq Birkirkara għandu jsirilhom id-dawl madwarhom minħabba li matul il-lejl huma perikolużi ħafna.

41.4.03 Il-Kunsillier John Agius informa lill-Kunsill li hemm bżonn li jkomplu jitneħħew t-telephone boxes li hawn fil-lokalita'. Ġie deċiż li niktbu lill-GO sabiex fejn mhumiex bżonnjużi dawn jinqalgħu.

41.4.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar l-ATM ta' Ta' Giorni u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaħ li għadna qed nistennew min-naħa tal-*Lands Department*.

**41.5 Rapport Amministrattiv**

41.5.01 Is-Segretarju ressaq ir-Rapport Amministrattiv fejn ta spjegazzjoni tiegħu.

41.5.02 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv.

41.5.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondaha fl-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv.

41.5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**41.6 Business Plan**

41.6.01 Is-Segretarju ressaq il-Business Plan fejn ta spjegazzjoni tiegħu.

41.6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Business Plan.

41.6.03 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ssekondah fl-approvazzjoni tal-Business Plan.

41.6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**41.7 Proposta għall-proġett**

41.7.01 Iċ-Ċermen ta detalji dwar laqgħa li kien hemm maċ-Ċermen tal-MEPA is-Sur Buttigieg flimkien mal-Perit Prof. Ir. Ertick van Egeraat dwar proposta għat-tisbieħ tal-faċċata tal-Balluta Buildings kif ukoll it-triq li tinsab biswit. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-Perit. Prof. Ir. Ertick van Egeraat nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2018 fil-5.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u tiġi diskussa il-proposta qabel din titressaq għad-diskussjoni pubblika.

**41.8 Talbiet żgħar;**

**41.8.01 Email mingħand is-Sinjura Louiselle Pace Gouder dwar PA/07921/17. (Inc. 8179/17).**

41.8.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Louiselle Pace Gouder dwar PA/07921/17. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li hu ma setax jattendi għal-laqgħa ta' l-ERA fir-rigward PA/07921/17 minħabba li ma setax jitlaq mix-xogħol. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tissejaħ laqgħa mas-Sinjura Louiselle Pace Gouder nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2018 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**41.8.02 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirkulari AKL 118/2017 – Talba għall-ġemellaġġ mill-villaġġ ta' Eda fl-Isvezzja. (Inc. 8205/17)**

41.8.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirkulari AKL 118/2017 – Talba għal ġemellaġġ mill-villaġġ ta' Eda fil-Kamerun. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill mhuwiex interessat.

**41.8.03 Email mingħand l-ECAD dwar ECAD Mayors Conference. (Inc. 41/18)**

41.8.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-ECAD dwar ECAD Mayors Conference. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li s-Sindku ser jara jekk jistax jattendi.

**41.8.07 Email mingħand is-Sinjura Camilla Appelgren dwar Earth Day up 2018. (Inc. 110/18)**

41.8.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Camilla Appelgren dwar Earth Day up 2018. Il-Kunsill ġie nfurmat li min-naħa tagħna mlejna l-applikazzjoni sabiex nipparteċipaw għall-Earth Day Up 2018.

**41.8.08 Email mingħand is-Sur Silvio Frendo dwar l-iskema tal-PPP tat-toroq. (Inc. 109/18)**

41.8.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Silvio Frendo dwar l-iskema tal-PPP. Kien hemm qbil li niktbu lid-Direttur għad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex isir xoljiment tal-kuntratt minħabba li l-kuntrattur ma riedx jkompli l-proġett bir-rati indikati fil-kuntratt.

**41.8.09 Email mingħand l-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali dwar Cirk AKL 2018/002 – Viżibilta lill-Kunsilli Lokali fuq PBS. (Inc. 138/18)**

41.8.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/002 – Viżibilita' lill-Kunsilli Lokali fuq PBS. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ser jipparteċipa.

**41.8.10 Email mingħand Christine Camilleri dwar Ittra lill-Kunsilli Lokali dwar Laqgħat ma' l-Għaqdiet Volontarji 2018. (Inc. 182/18).**

41.8.10.01 Saret riferenza għall-email mingħand Christine Camilleri f'isem Malta Council for the *Voluntary Secretary* dwar Laqgħat ma' l-Għaqdiet Volontarji 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir.

**41.8.11 Email mingħand il-Millenium Chapel dwar 'The Word', Meditation Garden (Inc. 234/18)**

41.8.11.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Millenium Chapel dwar 'The Word' Meditation Garden'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li niffisaw ġurnata.

**41.8.12 Email mingħand il-MTA dwar slabs ġewwa l-promenade.**

Saret riferenza għat-talba mill-*Malta Tourism Authority* biex jiġu mibdula l-islabs tal-*concrete* li hemm fil-promenade. Din it-talba ġiet milqugħa.

**41.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

41.09.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 39/KA2/17 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

41.09.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fis-7.00p.m.

**41.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

41.10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (*Ara appendiċi 'A'*)

41.10.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

41.10.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy issekondah.

**41.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

41.11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4329 sa 4359. (*Ara appendiċi 'B'*)

41.11.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**41.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

41.12.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 15 ta' Frar 2018 fl-4.00p.m.

41.12.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 15 ta' Frar 2018